31970L0387

10.8.1970 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 176/5

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tas-27 ta' Lulju 1970

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw il-bibien ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom

(70/387/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali;

Billi l-ħtiġiet tekniċi li vetturi bil-mutur għandhom jissodisfaw skond il-liġijiet nazzjonali jikkonċernaw, *inter alia*, il-bibien tagħhom;

Billi dawk il-ħtiġiet ivarjaw minn Stat Membru għall-ieħor; billi huwa għalhekk neċessarju li l-Istati Membri kollha jadottaw l-istess ħtiġiet jew b'żieda ma' jew inkella minflok ir-regoli eżistenti tagħhom, sabiex, b'mod partikolari, tkun tista' tiġi applikata għal kull tip ta' vettura il-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip tal-KEE li kienet is-suġġett tad-Direttiva tal-Kunsill [1] tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet fl-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom;

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, "vettura" tfisser kull vettura bil-mutur maħsuba għall-użu fit-triq, li jkollha minn ta' lanqas erba' roti u veloċità massima ddisinjata li teċċedi l-25 kilometru fis-siegħa, u l-karrijiet tagħha, bl-eċċezzjoni ta' vetturi tat-trasport pubbliku, dawk li jimxu fuq il-linji, tratturi u makkinarju għall-agrikoltura, u vetturi għal xogħlijiet pubbliċi.

Artikolu 2

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta li jagħti l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE, jew l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali lil vettura għal raġunijiet li jirrigwardaw il-bibien tagħha jekk dawn ikunu jissodisfaw il-ħtiġiet stabbiliti fl-Annessi.

Artikolu 3

L-emendi neċessarji għall-aġġustament tal-ħtiġiet ta' l-Anness sabiex jiġi kkunsidrat il-progress tekniku għandhom ikunu adottati b'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill tas-6 ta' Frar 1970 dwar dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet li jkunu fihom il-ħtiġiet meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva fi żmien tmintax-il xahar min-notifika tagħha, u għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-test tad-disposizzjoniet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-27 ta' Lulju 1970.

Għall-Kunsill

Il-President

W.ARENDT

[1] ĠU L 42, 23.2.1970, p. 1.

ANNESS I

1. ĠENERALI

1.1 Il-karatteristiċi tad-disinn tal-vettura għandhom jippermettu d-dħul fiha u l-ħruġ minnha b'sigurtà perfetta.

1.2 Il-bibien, id-dħul u l-ħruġ għandhom ikunu tali li dawn ikunu jistgħu jintużaw bl-aktar mod faċli u mingħajr l-ebda periklu.

1.3 Il-bibien u l-lukketti tal-bibien għandhom ikunu ddisinjati b'mod li kull ħoss li jista' jdejjaq lil dak li jkun waqt li tingħalaq il-bieba jiġi evitat.

1.4 Il-lukketti tal-bibien għandhom ikunu ddisinjati b'mod li dawn ma jħallux lill-bibien milli jinfetħu aċċidentalment.

2. LUKKETTI U ĊAPPETTI (ħtiġiet tal-kostruzzjoni u tat-twaħħil)

2.1 Iċ-ċappetti tal-bibien li jeħlu biċ-ċappetti (bl-eċċezzjoni ta' bibien li jintwew), meta jitwaħħlu fuq il-ġnub tal-vetturi, għandhom jitwaħħlu fit-tarf ta' quddiem tal-bibien fid-direzzjoni ta' sewqan 'il quddiem. Fil-każ ta' bibien doppji, dan il-kriterju jkun japplika għall-ġewnaħ tal-bieb li jinfetaħ l-ewwel; għandu jkun possibbli li l-ġewnaħ l-ieħor tal-bieba jkun jissakkar.

2.2 Il-lukketti u ċ-ċappetti tal-bibien tal-ġnub ta' karozzi privati [1] għandhom jilħqu l-ħtiġiet stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva.

3. L-ISTAFFI (ħtiġiet strutturali u tat-twaħħil)

3.1. Jekk il-paviment fid-daħla tal-vettura ikun aktar minn 700 mm 'l fuq mill- art, il-vettura għandha jkollha staffa waħda jew aktar. L-istaffa, jew l-istaffa l-aktar baxxa jekk ikun hemm diversi, m'għandhiex tkun aktar minn 700 mm 'il fuq mill- art u għandha tkun mibnija b'tali mod li ma jkun hemm l-ebda riskju ta' xi żlieq. Il-buttun tar-rota, ir-rimmijiet u l-partijiet oħra tar-rota m'għandhomx ikunu kkunsidrati bħala staffi għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, apparti milli għal raġunijiet li jirrigwardaw il-kostruzzjoni u l-użu li jipprekludi t-twaħħil tal-istaffi x'imkien ieħor fuq il-vettura.

[1] Klassi M1 tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali stabbilita fin-Nota (b) għall-Anness ta' din id-Direttiva tal- Kunsill imsemmija fl-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva.

ANNESS II

IL-ĦTIĠIET TAL-KOSTRUZZJONI U TWAĦĦIL U TESTIJIET TAS-SAĦĦA GĦALL-LUKKETTI U Ċ-ĊAPPETTI FUQ IL-BIBIEN TAL-ĠNUB GĦAD-DĦUL U L-ĦRUĠ MINN KAROZZI PRIVATI

1. ĠENERALI

1.1 Il-lukketti u ċ-ċappetti għandhom ikunu hekk iddisinjati, mibnija u mmuntati li fl-użu normali, il-vettura tissodisfa l-ħtiġiet ta' din id-Direttiva.

1.2 Kull lukkett għandu jkollu kemm pożizzjoni ta' għeluq intermedju kif ukoll pożizzjoni ta' l-għeluq komplet.

2. DETTALJI U LOTTIJIET TA' LUKKETTI U ĊAPPETTI LI GĦANDHOM JINGĦATAW MILL-MANIFATTUR JEW MIR-RAPPREŻENTANT AWTORIZZAT TIEGĦU

Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom jagħtu dawn id-dettalji u l-lottijiet tal-lukketti u ċ-ċappetti li ġejjien:

2.1 Id-disinji tal-bibien u tal-lukketti u ċ-ċappetti tagħhom fuq skala xierqa u b'dettal suffiċjenti;

2.2 Deskrizzjoni teknika tal-lukketti u ċ-ċappetti;

2.3 Lott ta' ħames settijiet ta' ċappetti għal kull bieba. Billi, iżda, l-istess settijiet jintużaw għal bibien differenti, ikun biżżejjed li jingħata grupp wieħed ta' settijiet. Settijiet ta' ċappetti li jingħarfu biss għax huma ddisinjati li jitwaħħlu fuq ix-xellug jew il-lemin m'għandhomx jitqiesu bħala differenti;

2.4 Grupp ta' ħames lukketti kompluti, inkluż il-mekkaniżmu tagħhom, għal kull bieba. Billi, iżda, l-istess lukketti kompluti jintużaw għal bibien differenti, ikun biżżejjed li jingħata lott wieħed biss ta' dawn il-lukketti. Il-lukketti li jingħarfu biss għax huma ddisinjati li jitwaħħlu fuq ix-xellug jew il-lemin m'għandhomx jitqiesu bħala differenti;

3. ĦTIĠIET TAL-KOSTRUZZJONI

3.1 **Lukketti**

3.1.1 *Tagħbija longitudinali*

L-immuntar tal-lukkett u l-ħabbata għandha tkun tiflaħ it-tagħbija longitudinali ta' 453 kp (444 daN) meta l-lukkett ikun fil-pożizzjoni ta' l-għeluq intermedju tiegħu, u ta' 1134 kp (1111 daN) meta dan ikun fil-pożizzjoni ta' l-għeluq komplet tiegħu (ara l-Figura 2).

3.1.2 *Tagħbija trasversali*

L-immuntar tal-lukkett u tal-ħabbata għandhom ikunu jifilħu tagħbija trasversali ta' 453 kp (444 daN) meta l-lukkett ikun fil-pożizzjoni ta' l-għeluq intermedju tiegħu, u ta' 907 kp (889 daN) meta dan ikun fil-pożizzjoni ta' l-għeluq komplet tiegħu (ara l-Figura 3).

3.1.3 *Reżistenza għal toqol ta' inerzja*

Il-lukkett m'għandux jiċċaqlaq mill-pożizzjoni ta' l-għeluq komplet meta t-tagħbija ta' l-inerzja lonġitudunali jew trasversali, fiż-żewġ direzzjonijiet, ta' 30 g tkun applikata għall-komponenti tas-serratura, inkluż il-mekkaniżmu tat-tħaddim tagħha.

3.2 **Ċappetti**

3.2.1 Kull sistema ta' ċappetti għandha tkun kapaċi ssostni l-bieb u tkun tiflaħ tagħbija lonġitudinali ta' 1134 kp (1111 daN) u tagħbija trasversali ta' 907 kp (889 daN) fiż-żewġ direzzjonijiet.

4. ĦTIĠIET GĦALL-ITTESTJAR TAS-SAĦĦA TAL-LUKKETTI U Ċ-ĊAPPETTI TAL-BIBIEN

Il-konformità mal-ħtiġiet li jinsabu fil-punti 3.1 u 3.2 għandhom ikunu vverifikati skond dan li ġej:

4.1 Il-preparazzjoni, il-proċedura u t-tagħmir għal testijiet ta' tagħbija statika

4.1.1 *Preparazzjoni*

4.1.1.1 **Ċappetti**

4.1.1.1.1 It-testijiet għandhom jittwettqu bl-użu ta' komponenti riġidi li jirriproduċu l-kondizzjonijiet ġeometriċi ta' l-immuntar fuq vettura ta' bieba li tissakkar kompletament.

4.1.1.1.2 Għal dan l-apparat għandu jkun applikat, fil-parti tan-nofs bejn iċ-ċappetti:

4.1.1.1.2.1 it-tagħbija lonġitudinali preskritta, b'mod perpendikulari għall-assi tal-pern taċ-ċappetti, imqegħda f'post li jgħaddi minn ġo dawk l-assi;

4.1.1.1.2.2 it-tagħbija trasversali preskritta, b'mod perpendikulari għall-post definit mit-tagħbija lonġitudinali u l-assi tal-pernijiet, imqegħda f'post li tgħaddi minn ġo dawk l-assi;

4.1.1.1.3 sett ġdid ta' ċappetti għandu jintuża għal kull test li jsir;

4.1.1.1.4 Il-Figura 1 turi kif isir it-test.

4.1.1.2 **Lukketti**

4.1.1.2.1 It-testijiet għandhom jittwettqu bl-użu ta' komponenti riġidi li jirriproduċu l-immuntar fuq vettura taż-żewġ komponenti tal-lukkett, il-qafas tal-lukkett u l-ħabbata.

4.1.1.2.2 It-tagħbija preskritta għandha tkun applikata għal dan it-tagħmir biex ma toħloqx stress żejjed fuq il-lukkett. Barra minn hekk, it-tagħbija statika trasversali ta' 90.77 kp (88.9 saN) għandha tkun applikata b'tali mod li din tkun tista' tmexxi l-lukkett 'l bogħod mill-ħabbata fid-direzzjoni li fiha il-bieba tinfetaħ.

4.1.1.2.3 Il-Figuri 2 u 3 juru kif isir it-test.

4.1.2 *Il-proċedura tat-test u tat-tagħmir*

It-tagħmir imsemmi fil-paragrafi 4.1.1.1 u 4.1.1.2 t'hawn fuq għandu jkun immuntat fuq it-*tensile testing machine*, li jkollu kapaċità minima ta' 1500 kp (1470daN). Tagħbijiet li jiżdiedu gradwalment mal-valuri preskritti fid-dettalji 3.1. u 3.2 għandhom ikunu applikati għal dan b'tali mod li l-veloċità tas-separazzjoni tal-mekkaniżmu li jżomm ma jkunx jeċċedi 5 mm/min.

4.2 **Proċedura biex tkun stabbilita r-reżistenza tal-lukketti għall-aċċelerazzjoni.**

4.2.1 Ir-reżistenza għal ftuħ fiż-żewġ direzzjonijiet taħt tagħbija ta' inerzja longitudinali u trasversali ta' 30 g, applikata fiż-żewġ każi għal pum li jiftaħ fid-direzzjoni li fiha jitmexxa, għandha tkun stabbilita dinamikament jew analitikament (ara l-Figura 4), waqt li ma tagħtix kas:

4.2.1.1 forzi frizzjonali;

4.2.1.2 il-komponenti ta' l-aċċelerazzjoni tal-gravità li għandhom t-tendenza li jżommu l-lukkett magħluq.

4.2.2 Il-mekkaniżmi li jagħmlu l-lukkett jissakkar, m'għandhomx jiġu kkunsidrati.

4.3 **Metodi ta' testijiet ekwivalenti**

4.3.1 Metodi tat-testijiet ekwivalenti li ma jagħmlux ħsara huma permissibbli, iżda r-riżultati msemmija fil-punti 4.1.2. u 4.2 t'hawn fuq jistgħu jinkisbu jew kompletament permezz tat-test sostitut jew billi jiġu kkalkulati r-riżultati tat-test sostitut. Jekk jintuża metodu ieħor apparti minn dak deskritt fil-punti 4.1.2 u 4.2 fuq, l-ekwivalenza tiegħu għandha tkun murija.

Sistema ta' ċappetti ta' bieba - twaħħil b'tagħbija statika (tagħbija trasversali)




Figura 1

Lukkett ta' bieba - tagħmir tat-test taħt tagħbija statika (tagħbija lonġitudinali)




Figura 2

Lukkett ta' bieba - tagħmir tat-test taħt tagħbija statika (tagħbija trasversali)




Figura 3

Reżistenza għall-effetti ta' l-inertia – eżempju ta' kalkolu.




Figura 4

Given:

A door latch system subjected to a deceleration of 30 g

$F = M_a = \frac{W}{g}\ a = \frac{W}{g} 30g = 30W$

F_1 = $W_1 \times 30$ – Tagħbija medja fuq il-molla tal-pum

= (0,016 kg × 30) – 0,454 kg = 0,036 kg

$F_2 = W_2 \times 30 = 0{,}023\ kg \times 30 = 0{,}68\ kg$

$F_3 = \frac{W_3}{2} \times 30 = \frac{0{\cdot}012\ kg}{2} \times 30 = 0{,}184\ kg$

$\Sigma M_o = F_1 \times d_1 + F_2 \times d_2 - F_3 \times d_3 = 0{,}036\ kg \times 31{,}5\ mm + 0{,}68\ kg \times 10{,}67\ mm - 0{,}184\ kg \times 4{,}83\ mm = 7{,}51\ mm/kg$

$F_5 = \frac{M_o}{d_4} = \frac{7{\cdot}51}{31{\cdot}5} = 0{,}238\ kg$

$F_6 = W_4 \times 30 = 0 - 042 \times 30 = 1 - 265\ kg$

ΣMp = Piż fuq il-molla tal-firroll ($F_5\ d_5 + F_6\ d_6$)

= 45,62 mm/kg — (0,238 × 37,59 + 1,265 × 1,9)

= 45,62 mm/kg — 11,36 mm/kg = 34,26 mm/kg